



IL-KUMMISSJONI EWROPEA
DIRETTORAT ĠENERALI
TASSAZZJONI U UNJONI DOGANALI
Diġitalizzazzjoni tal-Politiki Doganali u tat-Tassazzjoni
Sistemi Doganali

Gwida Operatorja għall-Utent tal-GUM

Ġestjoni tal-Garanzija

Data tal-Ħruġ: 28/03/2023

Verżjoni: 3.00 MT

Sid:

L-istorja tad-dokument

Verżjoni	Data	Deskrizzjoni
3.0	28/03/2023	Pubblikazzjoni SfA fuq CIRCABC
2.0	26/01/2023	Rieżami intern finali
1.1	16/01/2023	Rieżami intern addizzjonali
1.01	19/12/2022	Abbozz ta' rieżami intern addizzjonali
1.00	03/11/2022	Aġġornat skont il-kummenti ta' rieżami. Dokument sottomess għall-aċċettazzjoni (SfA)
0.10	14/10/2022	Dokument sottomess għar-rieżami (SfR)
0.01	23/09/2022	Abbozz inizjali

Werrej

1	INTRODUZZJONI	5
1.1	Għan tad-dokument	5
1.2	Udjenza fil-mira	5
1.3	Ambitu	5
1.4	Struttura.....	5
1.5	Dokumenti ta' referenzi	5
1.6	Abbrevjazzjonijiet u akronimi	6
1.7	Definizzjonijiet.....	7
2	ĠESTJONI TAL-GARANZIJA – ĦARSA ĠENERALI TA' LIVELL GĦOLI	8
2.1	Introduzzjoni	8
2.1.1	Referenzi legali.....	9
2.1.2	Deskrizzjoni tal-Kuntest.....	10
2.1.3	BPM Doganali tal-UE	10
2.2	Ippjanar	11
2.3	Ambitu	12
2.4	Partijiet konċernati	12
3	ĦARSA ĠENERALI ARKITETTONIKA TAL-KOMPONENTI TAL-GUM.....	13
3.1	Komponenti	13
3.2	<i>Data</i> disponibbli	15
3.3	Kif taċċessa l-applikazzjonijiet?.....	16
3.3.1	GUM 1: Komponenti Ċentrali	16
3.3.2	GUM 2: Sistema Nazzjonali tal-GUM	16
4	KAŻIJET TA' UŻU	16
4.1	Garanzija	16
4.1.1	Ġestjoni tal-Garanzija.....	17
4.1.2	Monitoraġġ tal-Garanzija	20
4.2	Awtorizzazzjoni għal Garanzija Komprensiva.....	23
4.2.1	Għoti tal-Awtorizzazzjoni	24
4.2.2	Ġestjoni tal-Awtorizzazzjoni.....	24
4.3	Immappjar tal-Proċessi vs is-Sistemi Involuti	26
5	KONKLUŻJONI.....	27

Lista ta' tabelli

Tabella 1: Dokumenti ta' referenzi	6
Tabella 3: Abbrevjazzjonijiet u akronimi.....	7
Tabella 4: Definizzjonijiet.....	8

Lista ta' illustrazzjonijiet

Illustrazzjoni 1 – Arblu tan-navigazzjoni għall-BPMs applikabbli għall-GUM	11
Illustrazzjoni 2 – Kronoloġija tal-operazzjonijiet.....	12
Illustrazzjoni 3 – Interazzjonijiet tas-sistema għall-ġestjoni tal-garanzija	15
Illustrazzjoni 4 – Fluss tad- <i>data</i> għall-ġestjoni tal-garanzija	15
Illustrazzjoni 5 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-garanzija	16
Illustrazzjoni 6 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-ġestjoni tal-garanzija	17
Illustrazzjoni 7 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-proċess ta' reġistrazzjoni tal-garanzija	17
Illustrazzjoni 8 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn l-ammont ta' referenza aġġustat.....	19
Illustrazzjoni 9 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn l-assenjazzjoni tal-kodiċi(jiet) ta' aċċess	19
Illustrazzjoni 10 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-ġestjoni tal-impenn mill-garanti.	20
Illustrazzjoni 11 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-monitoraġġ tal-Garanzija.....	20
Illustrazzjoni 12 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-proċess ta' monitoraġġ abbażi ta' tranżazzjoni	22
Illustrazzjoni 13 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-proċess ta' monitoraġġ abbażi ta' awditjar.....	23

1 INTRODUZZJONI

1.1 GĦAN TAD-DOKUMENT

Il-GUM tal-KDU huwa proġett tal-IT iddefinit fil-Programm ta' Ħidma tal-KDU (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151). L-oġġettiv ewlieni ta' dan id-dokument huwa li joffro gwiċha operatorja għall-utent li se tintuża mill-utenti finali tas-sistema li timplimenta l-GUM tal-KDU (jiġifieri, l-Uffiċjali Doganali). L-għan huwa li jiġi żgurat fehim komuni tar-rekwiżiti operatorji tal-GUM tal-KDU u kif dawn jiġu implimentati u mmappjati fl-applikazzjonijiet ċentrali tal-IT (GUM 1 bħala parti mill-applikazzjonijiet tal-IT tas-CDMS, TP u CRS).

1.2 UDJENZA FIL-MIRA

L-udjenza fil-mira għal dan id-dokument tinkludi:

- It-tim tal-proġett tad-Deċiżjonijiet Doganali tad-DĠ TAXUD.
- L-Amministrazzjonijiet Nazzjonali tal-UE / l-Istati Membri.

1.3 AMBITU

L-ambitu ta' dan id-dokument huwa li jippreżenta d-dettalji tal-attivitajiet operatorji tal-GUM tal-KDU u kif dawn huma appoġġati mill-applikazzjonijiet ċentrali u nazzjonali tal-IT. Mhuwiex maħsub li jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-applikazzjonijiet tal-IT infushom. Barra minn hekk, dan id-dokument ma huwiex legalment vinkolanti, peress li l-għan tiegħu huwa li jipprovdi valur miżjud lill-utenti tal-GUM.

1.4 STRUTTURA

Dan id-dokument huwa organizzat kif ġej:

- **Kapitolu 1 – Introduzzjoni:** jiddeskrivi l-ambitu u l-oġġettivi tad-dokument;
- **Kapitolu 2 – Ġestjoni tal-Garanzija – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli:** jiddefinixxi l-oġġettivi tal-operat u jagħti ħarsa ġenerali lejn il-partijiet konċernati;
- **Kapitolu 3 – Ħarsa ġenerali arkitettonika lejn il-komponenti tal-GUM:** jippreżenta s-sistemi differenti li huma komponenti tal-GUM, kif ukoll l-interazzjoni bejniethom;
- **Kapitolu 4 – Każijiet ta' użu:** jipprovdi d-diversi proċessi li jistgħu jsejtnu fil-kuntest tal-GUM. Huma deskritti l-partijiet konċernati u s-sistemi involuti fil-proċess, kif ukoll ix-xenarji operatorji.

1.5 DOKUMENTI TA' REFERENZI

It-tabella ta' hawn taħt telenka d-dokumenti li ssir referenza għalihom f'dan id-dokument.

Ref.	Titolu	Referenza	Verżjoni	Data
R01	Każ Operatorju tal-Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU	UCC-GUM-BC	2.42	16/03/2021
R02	L3 Pakkett tal-BPM tal-GUM wara Rieżami Estern	CD3-SC22-DLV-010-5.3-4-1-L3 Pakkett tal-BPM tal-GUM wara Rieżami Estern	1.00	06/08/2021

Ref.	Titolu	Referenza	Verżjoni	Data
R03	L3-4 Pakkett tal-BPM tad-Deċiżjonijiet Doganali wara Rieżami Estern	CD3-SC22-DLV-010-5.3-4-2-L3-4 Pakkett tal-BPM tad-Deċiżjonijiet Doganali wara Rieżami Estern	1.00	06/08/2021
R04	Dokument ta' Viżjoni	UCC-GUM-Vision	2.00	09/12/2021
R05	Pakkett ta' Dokumenti ta' Speċifikazzjoni tal-GUM	SD-CD-GUM Pakkett ta' Dokumenti ta' Speċifikazzjoni	1.00	22/06/2022
R06	CRS CDM Mudell tad-Data Kanonika tal-GUM	SC06-DLV-163-7.3-109-CRS-CDM-Mudell tad-Data Kanonika-GUM	17.00	08/07/2022
R07	Gwida Operatorja għall-Utent dwar id-Deċiżjonijiet Doganali	SC10-DLV-020-5.5.-42-2-1-CD Gwida Operatorja għall-Utent	5.00	07/10/2020

Tabella 1: Dokumenti ta' referenzi

1.6 ABBREVJAZZJONIJIET U AKRONIMI

Sabiex dan id-dokument jinftehem aħjar, it-tabella li ġejja tipprovdi lista tal-abbrevjazzjonijiet u tal-akronimi prinċipali li ntużaw.

Ara wkoll il-“lista ta' akronimi” fuq TEMPO.

Abbrevjazzjoni/Akronimu	Definizzjoni
BPM	Mudell tal-Proċess Operatorju
CCN2	Network Komuni ta' Komunikazzjoni 2
CDMS	Sistema ta' Ġestjoni tad-Deċiżjonijiet Doganali
CDS	Sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali
CDT	Tip ta' Deċiżjoni Doganali
CGU	Garanzija komprensiva
CRS	Servizzi ta' Referenza tal-Klijenti
D.E.	Element tad-Data
AD	Att Delegat
DĠ TAXUD	Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali
DIH	Integrazzjoni u Armonizzazzjoni tad-Data
DLV	Riżultat
DTCA	Awtorità Doganali Deċiżjonali
KE	Il-Kummissjoni Ewropea
UE	L-Unjoni Ewropea
EUCDM	Mudell tad-Data Doganali tal-Unjoni Ewropea
FC	Kuntratt Qafas
GRN	Numru ta' Referenza tal-Garanzija
GUM	Ġestjoni tal-Garanzija
AI	Att ta' Implimentazzjoni
IT	Teknoloġija tal-Infurmazzjoni
L3-4	Livell 3-4
M/A	Mhux applikabbli
SM	Stat Membru

Abbrevjazzjoni/Akronimu	Definizzjoni
SC	Kuntratt Speċifiku
SfA	Sottomess għall-Aċċettazzjoni
SfI	Sottomess għall-Infurmazzjoni
SfR	Sottomess għar-Rieżami
TP	Portal tan-Negożjanti
KDU	Kodiċi Doganali tal-Unjoni
UUM&DS	Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u Firem Diġitali

Tabella 2: Abbrevjazzjonijiet u akronimi

1.7 DEFINIZZJONIJIET

Sabiex dan id-dokument jinftiehem aħjar, it-tabella li ġejja tipprovdi lista tat-termini prinċipali użati.

Terminu	Definizzjoni
Kodiċi ta' aċċess	Kodiċi ta' aċċess jippermetti lil persuna awtorizzata tagħmel użu mill-garanzija flimkien man-numru ta' referenza tal-garanzija (u f'assoċjazzjoni miegħu).
Applikant	Persuna li tapplika mal-awtoritajiet doganali għal deċiżjoni.
Applikazzjoni	Talba formali biex tingħata deċiżjoni doganali, sottomessa lill-awtoritajiet doganali.
Monitoraġġ abbażi ta' awditjar	Kontroll perijodiku immirat li jiċċekkja, wara l-iżdoganar, jekk il-garanzija kinitx teżisti matul il-perjodu kollu li fih kienet meħtieġa (fi kwalunkwe ħin) u li l-ammont ta' referenza ma nqabiżx (mill-operatur) fi kwalunkwe mument matul l-użu tal-garanzija.
Awtorizzazzjoni	Att mill-awtoritajiet doganali b' relazzjoni mal-leġiżlazzjoni doganali li jagħti deċiżjoni dwar każ partikolari, u li għandu effetti legali fuq il-persuna jew fuq il-persuni konċernati (l-Art. 5(39) tal-KDU).
Garanzija komprensiva	Garanzija li tkopri l-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni li jikkorrispondi għad-dejn doganali eżistenti u/jew potenzjali u għal imposti oħra, jekk applikabbli, b'rabta ma' żewġ operazzjonijiet, dikjarazzjonijiet jew proċeduri doganali jew aktar.
Awtorità doganali konsultata	Kwalunkwe Stat Membru li jkun ġiet mitlub mill-Awtorità Doganali Deċiżjonali biex jikkontribwixxi għal proċess ta' deċiżjoni rigward Applikazzjoni jew deċiżjoni eżistenti permezz tal-għoti ta' infurmazzjoni, l-eżaminazzjoni ta' kriterji jew kwalunkwe mezz ieħor.
Awtorità doganali	L-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali u kwalunkwe awtorità oħra li jkollha s-setgħa taħt id-dritt nazzjonali li tapplika ċerta leġiżlazzjoni doganali. (Art. 5(1) tal-KDU).

Terminu	Definizzjoni
Deċiżjoni doganali	Sinonimu ta' Awtorizzazzjoni, f'dan il-kuntest.
Uffiċċju doganali tal-esportazzjoni	L-uffiċċju fejn tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali tal-esportazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni għall-merkanzija li tkun se tinħareġ barra mit-territorju doganali tal-Unjoni.
Uffiċċju doganali ta' garanzija	L-uffiċċju doganali fejn trid tiġi/hija pprovduta l-garanzija (Art. 151(1) tal-AI tal-KDU).
Uffiċċju doganali tal-importazzjoni	L-uffiċċju fejn tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali (ħlief għall-proċedura ta' esportazzjoni, ta' riesportazzjoni jew ta' tranżitu) u fejn irid jiġi garantit dejn doganali mġarrab jew potenzjali.
Debitur	Debitur huwa kwalunkwe persuna responsabbli għal dejn doganali.
Awtorità doganali deċiżjonali	L-awtorità doganali kompetenti biex 1) tieġu d-deċiżjoni u 2) tiġġestixxi d-deċiżjoni.
Operatur ekonomiku	Individwu li huwa involut f'attivitajiet koperti mil-leġiżlazzjoni doganali (l-Artikolu 5(5) tal-KDU), imsejjaħ ukoll "negozjant".
Garanti	Organizzazzjoni finanzjarja, eż., bank, li tipprovdni avall għal garanzija.
Garanzija individwali	Garanzija li tkopri operazzjoni waħda għal dejn doganali eżistenti jew potenzjali u, jekk applikabbli, għal imposti oħrajn (Art. 148 tal-AI tal-KDU).
Stat Membru involut	Kwalunkwe Stat Membru affettwat direttament minn deċiżjoni.
Monitoraġġ abbażi ta' tranżazzjoni	Jiċċekkja, qabel ir-rilaxx tal-merkanzija għall-proċedura, l-eżistenza tal-garanzija u d-disponibbiltà tal-ammont meħtieġ (stabbilit għall-merkanzija dikjarata) fil-parti rilevanti tal-ammont ta' referenza.

Tabella 3: Definizzjonijiet

2 ĠESTJONI TAL-GARANZIJA – ĦARSA ĠENERALI TA' LIVELL GĦOLI

2.1 INTRODUZZJONI

Mill-KDU joħorġu rekwiżiti ġodda għall-ġestjoni tal-garanzija u l-operat li jirriżulta minnhom, fosthom:

- Iż-żieda fil-volum tal-każijiet fejn isseħħ il-ġestjoni tal-garanzija: issa huwa meħtieġ li l-garanzija tiġi pprovduta fil-kuntest ta' ħażna temporanja u tal-proċeduri speċjali kollha, minbarra t-tranżitu. It-tranżitu għandu l-Ġestjoni tal-Garanzija tiegħu stess fl-NCTS.
- Hija introdotta l-possibbiltà li jkun hemm garanzija valida f'aktar minn SM wieħed. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ddikjarati garanziji stabbiliti fi SM għajr l-SM li fih tingħata d-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta' ħażna temporanja;

- Il-komunikazzjoni kollha għandha titwettaq b'mezzi elettroniċi, bil-għan li jittejjbu t-traċċabbiltà, l-affidabbiltà u l-integrità tad-*data*, u għandha tippermetti komunikazzjoni stampata biss f'każijiet eċċezzjonali definiti.

B'konsegwenza ta' dan, ġiet identifikata l-ħtieġa għal sistema tal-IT għall-ġestjoni tal-garanziji u l-obiettivi tagħha huma kif ġej:

- Li jiġi żgurat li d-*data* tal-garanziji (li tintuża f'aktar minn SM wieħed) issir aċċessibbli b'mod elettroniku għall-SM fejn tiġi ppreżentata u aċċettata dikjarazzjoni doganali meta tintuża tali garanzija;
- Li titħaffef l-identifikazzjoni ta' każijiet fejn il-garanziji jitqiesu invalidi jew insuffiċjenti biex ikopru d-djun – permezz ta' ħeffa mtejba tal-ipproċessar, traċċabbiltà u monitoraġġ tal-garanziji b'mod elettroniku bejn l-uffiċċji doganali;
- Li jitnaqqas il-potenzjal għall-frodi.

Ġie deċiż li tintgħażel opzjoni ħafifa ta' implimentazzjoni, li tikkonsisti fl-użu mill-ġdid ta' sistema tal-IT ċentrali eżistenti biex tiġi inkluża r-reġistrazzjoni tal-ammont ta' referenza għal garanzija komprensiva (diviża bil-proċedura doganali u mill-SM konċernat), u li jiġi appoġġat l-iskambju tad-*data* mis-sistema ċentrali tal-IT għas-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-garanzija. Il-komponent ċentrali għas-sistema tal-GUM jissejjaħ GUM 1, filwaqt li s-sistema nazzjonali żviluppata tissejjaħ GUM 2.

Ġie miftiehem li s-Sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali (CDS) ċentrali eżistenti li diġà qed tittratta Awtorizzazzjonijiet u Applikazzjonijiet ta' garanzija komprensiva (CGU) b'diversi SM hija s-sistema ċentrali naturali li għandha terġa' tintuża għal skopijiet ta' GUM.

Is-CDS tikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

- Sistema ta' Ġestjoni tad-Deċiżjonijiet Doganali (CDMS): Is-sistema hija disponibbli għall-Uffiċjali Doganali u tippermetti lill-SM jitrattaw l-Aplikazzjonijiet u l-Awtorizzazzjonijiet;
- Il-Portal tan-Negozjanti (TP): Dawn huwa l-interfaċċa għall-Operaturi Ekonomiċi jew għar-Rappreżentanti Doganali;
- Sistema ta' Referenza Doganali (CRS): Is-sistema tippermetti lill-SM jiksbu informazzjoni u kwalifiki tal-klijenti permezz ta' servizzi ta' replikazzjoni u ta' *data*.

Din is-soluzzjoni tinvolvi l-użu ta' CDS biex jinħażnu d-dettalji tal-Awtorizzazzjoni għall-użu tal-garanzija, inkluż il-qsim tal-ammont ta' referenza għal kull proċedura doganali u għal kull SM involut fil-proċedura doganali. L-ammont ta' referenza tal-garanzija jista' jiġi aġġustat fis-CDS, meta jkun meħtieġ.

Ir-reġistrazzjonijiet tal-garanzija u l-monitoraġġ tal-garanzija se jsiru fl-SM fejn kienet qed tintuża permezz tas-sistema nazzjonali ta' ġestjoni tal-garanzija (GUM 2).

Il-komponent nazzjonali tal-SM se juża servizzi pprovduti mis-CDS biex jiċċekkja l-eżistenza u l-validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-CGU kif ukoll biex jikseb id-dettalji tal-Awtorizzazzjoni.

Dan l-approċċ ma jinvolvi komunikazzjoni nazzjonali bejn sistema u sistema. Il-komponent nazzjonali tal-GUM jista' juża s-servizzi ta' tiftix u ta' replikazzjoni pprovduti mis-CRS biex jikseb id-*data* dwar l-Awtorizzazzjoni.

2.1.1 Referenzi legali

Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (Art. 6, 16, 22, 23, 89-98 tal-KDU)

Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) kien adottat fid-9 ta' Ottubru 2013 bħala r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

L-Att Delegat tal-KDU (Art. 11-18 u 84 tal-AD u Anness A tal-AD)

L-Att Delegat tal-KDU ġie adottat fit-28 ta' Lulju 2015 bħala r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru 2015/2446.

L-Att ta' Implimentazzjoni tal-KDU (Art. 10, 147 sa 158, 162 tal-AI, u l-Anness A tal-AI)

L-Att ta' Implimentazzjoni tal-KDU kien adottat fil-24 ta' Novembru 2015 bħala r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 2015/2447.

Il-Programm ta' Ħidma tal-KDU

Il-Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u l-iskjerament tas-sistemi elettroniċi pprovdut fil-KDU kien adottat fit-13 ta' Diċembru 2019 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2019/2151 (UE).

2.1.2 Deskrizzjoni tal-Kuntest

L-informazzjoni ġenerali dwar il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni tista' tinstab fuq is-sit web ta' Europa:

https://taxation-customs.ec.europa.eu/customs-4/union-customs-code_en

Din il-paġna tagħti xi tagħrif notevoli dwar il-KDU fil-forma ta':

- Dokumenti ta' Gwida tal-KDU:
https://taxation-customs.ec.europa.eu/customs-4/union-customs-code/ucc-guidance-documents_en
- Moduli ta' tagħlim elettroniku dwar il-Garanzija:
<https://customs-taxation.learning.europa.eu/course/view.php?id=220>
- BPM Doganali tal-UE: dan huwa deskritt fit-taqsimha 2.1.3 hawn taħt.

2.1.3 BPM Doganali tal-UE

Saru mudelli għall-proċessi operatorji deskritti fil-KDU u fl-Atti Delegati u ta' Implimentazzjoni tiegħu (AD u AI rispettivament). Il-pubblikazzjoni tal-BPM tista' tiġi aċċessata direttament minn din il-ħolqa:

<https://aris9.itsmtaxud.eu/businesspublisher/login.do?login=anonymous&password=anonymous>

Fuq din il-pjattaforma, hemm żewġ settijiet ta' BPMs li huma rilevanti fil-kuntest tal-GUM:

1. Awtorizzazzjonijiet / Ġestjoni tad-Deċiżjonijiet:
Taxud Folder Structure > EU_Customs > Customs Business Processes > 02_CBP L2-L3 HL and Business Requirement BPM > Enabling Business Domains > Authorisations / Decisions Management.
2. Ġestjoni tal-Garanziji:
Taxud Folder Structure > EU_Customs > Customs Business Processes > 02_CBP L2-L3 HL and Business Requirement BPM > Enabling Business Domains > Guarantee Management

L-Illustrazzjoni 1 turi l-arblu tan-navigazzjoni.



Illustrazzjoni 1 – Arblu tan-navigazzjoni għall-BPMs applikabbli għall-GUM

2.2 IPPJANAR

Abbażi tad-Dokument tal-Każ Operatorju disponibbli mir-raba' semestru tal-2019 [R01], ġie prodott jew se jiġi prodott il-pjan tal-attivitajiet li ġej.

Matul it-tieni u t-tielet kwart tal-2021, l-ewwel attività għall-GUM kienet li jiġu aġġornati l-BPMs ta' L3 u L4 għall-GUM [R02] u d-Deċiżjonijiet Doganali [R03] abbażi tal-approċċ magħżul u l-istruttura l-għdida tad-*data* miftiehma mal-Istati Membri.

Imbagħad, fl-aħħar trimestru tal-2021, ġie ppreżentat id-Dokument ta' Viżjoni [R04]. Dan jiddeskrivi l-fehma ġenerali tal-IT dwar l-implimentazzjoni tas-sistema ta' Ġestjoni tal-Garanzija bl-approċċ deċiż.

L-aġġornament tal-Anness A tal-KDU huwa attività parallela, li għaliha ġie ppreżentat l-ewwel abbozz fit-tieni trimestru tal-2022. Dan l-aġġornament irid jinkludi l-bidliet fl-istruttura relatati mal-GUM deċiżi f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri.

L-ispeċifikazzjonijiet tal-applikazzjoni u tas-servizz [R05] ġew prodotti u ppreżentati matul it-tieni trimestru tal-2022. L-għan ta' dawn id-dokumenti huwa li jipprovdu l-ispeċifikazzjonijiet tal-UI tas-CDMS u l-mudell tad-*data* kanonika tas-CDMS. L-ispeċifikazzjonijiet tal-UI għandhom l-għan li jispeċifikaw l-oqsma disponibbli għall-utenti tas-sistema ċentrali u l-mudell tad-*data* kanonika għandu jintuża mill-SM Ibridi biex jintegraw il-bidliet fis-sistemi nazzjonali tagħhom.

Il-preżentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema teknika għall-komponent ċentrali hija skedata għat-tielet trimestru tal-2022. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom l-għan li jipprovdu l-ispeċifikazzjonijiet tas-servizz tas-CRS u l-Pakketti tal-Istati Membri.

Abbażi ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet, l-iżvilupp tas-servizzi ċentrali jista' jiġi implimentat. Huwa previst li din l-attività tinkiseb fit-tielet trimestru tal-2023 u li tkun tista' tiġi implimentata f'dak iż-żmien.

Wara, se jitwettaq test tal-konformità għall-Istati Membri Ibridi kif ukoll taħriġ biex tiġi vvalidata l-implimentazzjoni. Dan se jseħħ fir-raba' trimestru tal-2023. L-għan huwa li l-komponent ċentrali tal-GUM li qiegħed jiġi prodott isir operattiv fl-ewwel trimestru tal-2024.

- Jiġġestixxi l-Awtorizzazzjonijiet mogħtija.
- **L-uffiċjal doganali ta' awtorità doganali kkonsultata** huwa l-uffiċjal responsabbli biex jipprovdi feedback malli tasal talba għal konsultazzjoni.
- **L-uffiċjal doganali ta' Stat Membru involut:** huwa uffiċjal doganali li jista' jaqra u/jew jipprovdi informazzjoni dwar l-Awtorizzazzjonijiet li għalihom ikun involut il-pajjiż tiegħu jew tagħha.

Utenti tas-**Sistema Nazzjonali ta' Ġestjoni tal-Garanzija:**

- **Il-garanti** jirrappreżenta organizzazzjoni finanzjarja, eż., bank, li tipprovdi avall għal garanzija.
- **Il-persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija** hija l-persuna li tipprovdi l-garanzija.
- **Id-debitur** tfisser kwalunkwe persuna responsabbli għal dejn doganali.
- **L-uffiċjal doganali tal-uffiċċju doganali tal-garanzija** huwa l-uffiċjal inkarigat mill-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-garanzija.
- **Id-dikjarant** huwa l-persuna responsabbli għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali u għall-għoti ta' garanzija
- **L-uffiċjal doganali tal-uffiċċju doganali tal-importazzjoni** huwa l-uffiċjal inkarigat mill-ipproċessar ta' dikjarazzjoni doganali (ħlief għall-proċedura ta' esportazzjoni, ta' riesportazzjoni jew ta' tranżitu), u għall-verifika li huwa garantit dejn doganali mġarrab jew potenzjali.
- **L-uffiċjal doganali tal-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni** huwa l-uffiċjal inkarigat mill-ipproċessar tad-dikjarazzjoni doganali tal-esportazzjoni jew tad-dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni ppreżentata għall-merkanzija li tkun se tinħareġ barra mit-territorju doganali tal-Unjoni.
- **L-uffiċjal doganali li jwettaq il-monitoraġġ abbażi ta' awditjar** huwa l-uffiċċju li jimmonitorja t-tranżazzjonijiet tad-detentur tal-proċedura ta' perjodu ta' żmien partikolari u jiċċekkja jekk l-ammont ta' referenza ta' garanzija kienx biżżejjed fi kwalunkwe mument fil-perjodu ta' żmien awditjat.

3 **ĦARSA ĠENERALI ARKITETTONIKA TAL-KOMPONENTI TAL-GUM**

3.1 **KOMPONENTI**

Kif diġà ġie spjegat fit-taqsima 2.1, l-approċċ għall-ġestjoni tal-attivitajiet kollha tal-GUM huwa bbażat fuq komponent ċentrali (GUM 1) u komponenti nazzjonali (GUM 2).

Il-pjattaforma tas-CDS tintuża bħala s-sistema ċentrali tal-IT għall-GUM, peress li diġà tittratta l-Applikazzjonijiet u l-Awtorizzazzjonijiet tas-CGU b'diversi SM. Is-CDS hija responsabbli għall-ġestjoni tal-Awtorizzazzjoni biex tintuża l-garanzija komprensiva iżda mhux għall-garanzija nnifisha. Madankollu, is-sistema ċentrali għandha l-għan li tikkondividi d-dettalji tal-Awtorizzazzjoni mal-SM involut. Is-CDS hija magħmula minn tliet sistemi: is-Sistema tal-Ġestjoni tad-Deċiżjonijiet Doganali (CDMS), il-Portal tan-Negożjanti (TP) u s-sistema ta' Servizzi ta' Referenza tal-Klijenti (CRS).

Bis-CDS, l-uffiċċju doganali tal-garanzija (li jinsab fl-SM fejn għandha tiġi stabbilita l-garanzija) se jkun jista' jirreġistra d-dettalji tal-Awtorizzazzjoni għall-użu ta' garanzija komprensiva.

Minħabba n-natura tas-CDMS, abbażi ta' approċċ "Ibridu", hemm tliet kanali possibbli li permezz tagħhom SM jista' jinteraġixxi magħha jew għas-sottomissjoni jew għall-konsultazzjoni:

- Interfaċċa tal-Utent tas-CDMS fuq is-CCN2;
- Messaġġi tas-CCN2 skambjati fuq Servizzi ta' Attività Operatorja (disponibbli biss għall-SM li jimplimentaw soluzzjoni "Ibrida");
- Servizzi tad-Data fuq is-CCN2.

L-EO se jkun jista' jissottometti, jara u jiġġestixxi d-*data* komprensiva dwar il-garanzija permezz tal-Portal tan-Negozjanti (aċċessibbli permezz tal-UUM&DS).

Is-CRS hija disponibbli għall-uffiċjali doganali u tippermetti lill-SM jiksbu informazzjoni u kwalifiki tal-klijenti permezz ta':

- Servizzi ta' replikazzjoni skattati minn abbonamenti fuq is-CCN jew is-CCN2;
- Servizzi tad-*data* fuq is-CCN jew is-CCN2.

Ta' min jinnota li tingħata aktar informazzjoni dwar il-komponenti tas-CDS fil-Gwidi Operatorji għall-Utenti dwar id-Deċiżjonijiet Doganali [R07].


Min-naħa l-oħra, is-sistemi nazzjonali tal-GUM se jkunu responsabbli għall-fażi tar-reġistrazzjoni u operazzjonali tal-garanzija, jiġifieri l-ġestjoni tal-użu tal-garanzija, ir-rilaxx tal-ammont ta' referenza ta' garanzija (ħlas), eċċ.

L-eżistenza u l-validità tal-garanzija komprensiva jistgħu jiġu ċċekkjati mill-komponent nazzjonali permezz tal-komponent ċentrali.

Barra minn hekk, f'każ li kwalunkwe dettall dwar l-Awtorizzazzjoni jiġi aġġustat fis-CDS, din l-informazzjoni tintbagħat lis-sistemi nazzjonali tal-SM involuti permezz tas-CRS.

Dawn is-sistemi nazzjonali huma intrinziċi għal kull SM u jridu jikkomunikaw mas-sistema ċentrali. Għalhekk, ma hija prevista l-ebda komunikazzjoni nazzjonali bejn sistema u sistema fil-kuntest tal-GUM. Id-dettalji tal-komponenti nazzjonali (GUM 2) se jibqgħu taħt ir-responsabbiltà nazzjonali u ma humiex deskritti f'dan id-dokument.


L-immappjar bejn kull sistema huwa muri fl-illustrazzjoni ta' hawn taħt.



Illustrazzjoni 3 – Interazzjonijiet tas-sistema għall-ġestjoni tal-garanzija

3.2 DATA DISPONIBBLI

L-Awtorizzazzjonijiet għas-CGU huma rreġistrati u miżmuma fis-CDMS. Wara l-ħruġ, jew wara kull emenda, id-*data* dwar l-Awtorizzazzjoni mbagħad tiġi ppubblikata fis-CRS. Din id-*data* tista' tiġi mfitxxija jew replikata mis-CRS fis-sistemi nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-garanzija permezz tas-servizzi ta' tftitix u/jew ta' replikazzjoni disponibbli għas-CRS. Il-fluss tad-*data* jista' jiġi osservat fl-Illustrazzjoni 4.



Illustrazzjoni 4 – Fluss tad-*data* għall-ġestjoni tal-garanzija

Innota li bl-integrazzjoni tal-komponent tal-GUM fis-CDS, l-istruttura tal-Awtorizzazzjoni tas-CGU hija aġġornata. L-informazzjoni speċifika l-ġdida għas-CGU, u disponibbli għas-sistemi li jirreplikaw mis-CRS, hija deskritta fil-Mudell tad-Data Kanonika tas-CRS għad-dokument tal-GUM [R06].

3.3 KIF TAĊĊESSA L-APPLIKAZZJONIJIET?

3.3.1 GUM 1: Komponenti Ċentrali

L-informazzjoni kollha meħtieġa għall-aċċess kemm għas-CDMS kif ukoll għat-TP hija deskritta fil-Gwidi Operatorji għall-Utenti tad-Deċiżjoni Doganali [R07].

3.3.2 GUM 2: Sistema Nazzjonali tal-GUM

Sabiex taċċessa l-applikazzjonijiet nazzjonali, jekk jogħġbok irreferi għall-awtoritajiet nazzjonali tiegħek.

4 KAŻIJET TA' UŻU

Din it-taqsimha tippreżenta x-xenarji operatorji differenti jew il-każijiet ta' użu fil-kuntest tal-GUM. Hija maqsuma fi tliet taqsimiet ewlenin:


- **Taqsimha 4.1 – Garanzija:** għandha l-għan li tiddekrivi l-proċessi kollha relatati mal-garanzija nnifisha (reġistrazzjoni u monitoraġġ). Dawn il-proċessi għandhom jiġu implimentati fil-komponent nazzjonali tal-GUM;
- **Taqsimha 4.2 – Awtorizzazzjoni għal Garanzija Komprensiva:** għandha l-għan li tiddekrivi l-proċessi kollha relatati mal-Awtorizzazzjoni biex tiġi pprovduta garanzija komprensiva (l-għoti u l-ġestjoni tal-Awtorizzazzjonijiet);
- **Taqsimha 4.3 - Immappjar tal-Proċessi vs is-Sistemi Involuti:** tipprovdi matriċi li tiġbor fil-qosor il-proċessi differenti flimkien mas-sistema/i responsabbli u l-interfaċċa li għandha tintuża.

4.1 GARANZIJA

L-operat tal-użu tal-garanzija jista' jinqasam f'żewġ fażijiet ewlenin:

- **Il-ġestjoni tal-garanzija**, li tibda meta garanzija individwali jew komprensiva tiġi sottomessa minn persuna li hija meħtieġa tipprovdi l-garanzija. Dan jinkludi r-reġistrazzjoni tal-garanzija u kwalunkwe bidla fil-garanzija;
- **Il-monitoraġġ tal-garanzija**, li jinkludi l-monitoraġġ ibbażat fuq it-tranżazzjonijiet u l-monitoraġġ abbażi ta' awditjar.


Il-proċessi msemmija hawn fuq se jiġu deskritti fid-dettall fit-taqsimiet ta' hawn taħt.



Illustrazzjoni 5 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-garanzija

4.1.1 Ġestjoni tal-Garanzija

Il-proċess ta' ġestjoni tal-garanzija jinbada wara l-għoti ta' Awtorizzazzjoni għal garanzija komprensiva jew minħabba l-ħtieġa li tiġi rreġistrata garanzija individwali.



Illustrazzjoni 6 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-ġestjoni tal-garanzija

Il-proċess ta' ġestjoni tal-garanzija huwa magħmul mir-reġistrazzjoni tal-garanzija u mill-bidliet kollha fil-garanzija li se jiġu deskritti fid-dettall fit-taqsimiet li ġejjin.

4.1.1.1 Reġistrazzjoni tal-garanzija

4.1.1.1.1 Partijiet konċernati u s-Sistemi involuti fil-proċess

Il-partijiet konċernati li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- Persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija;
- Garanti;
- Uffiċċju doganali tal-garanzija.

Il-komponenti tal-IT li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- GUM 2

4.1.1.1.2 Każ ta' użu

Il-proċess ta' reġistrazzjoni tal-garanzija huwa l-ewwel parti tal-proċess ta' ġestjoni tal-garanzija. Illustrazzjoni 7 tippreżenta l-ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-garanzija.



Illustrazzjoni 7 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-proċess ta' reġistrazzjoni tal-garanzija

Il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-garanzija jibda bis-sottomissjoni ta' waħda mill-garanziji li ġejjin mill-persuna li hija meħtieġa tipprovdi l-garanzija lill-uffiċċju doganali tal-garanzija:

- Garanzija individwali;
- Garanzija komprensiva.

Jekk tiġi rċevuta garanzija komprensiva, l-ewwel irid jiġi vverifikat mill-uffiċċju doganali tal-garanzija jekk din tistax tiġi rreġistrata jew le. Din l-attività tinkludi l-verifika tal-validità tal-Awtorizzazzjoni biex tiġi pprovduta garanzija komprensiva u r-rikonċiljazzjoni tal-Awtorizzazzjoni u l-garanzija komprensiva. Jekk ma jkunx il-każ, il-garanzija komprensiva tiġi miċħuda u dan jiġi nnotifikat lill-persuna meħtieġa biex tipprovdi l-garanzija.

Imbagħad, kemm għal garanzija individwali kif ukoll għal garanzija komprensiva, l-uffiċjal doganali jrid japprova l-forma ta' garanzija. Din l-attività tinkludi, għall-ewwel, li tiġi eżaminata l-forma tal-garanzija pprovduta, imbagħad li jiġu vverifikati l-kundizzjonijiet relatati mal-forma tal-garanzija pprovduta. Tista' tkun jew:

- Impenn minn garanti;
- Depożitu fi flus;
- Forom oħra.

Jekk il-formola tal-garanzija pprovduta tiġi aċċettata, il-garanzija trid tiġi rreġistrata mill-uffiċċju doganali tal-garanzija. Inkella, il-garanzija tiġi miċħuda. Meta tiġi aċċettata, in-numru ta' referenza tal-garanzija u l-kodiċijiet ta' aċċess jiġu nnotifikati t-tnejn lill-persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija. Il-garanti, jekk ikun hemm, jiġi nnotifikat ukoll f'każ ta' garanzija individwali.

4.1.1.2 Aġġustament tal-ammont ta' referenza

4.1.1.2.1 Partijiet konċernati u s-Sistemi involuti fil-proċess

Il-partijiet konċernati li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- Persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija;
- Uffiċċju doganali tal-garanzija.

Il-komponenti tal-IT li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- GUM 2

4.1.1.2.2 Każ ta' użu

Il-proċess ta' aġġustament tal-ammont ta' referenza huwa inkluż fil-proċess tat-tibdil tal-garanzija. Il-proċess jista' jinbeda jew mill-uffiċċju doganali tal-garanzija jew mill-persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija.

Ikun xi jkun il-każ, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jeżamina mill-ġdid jekk l-ammont ta' referenza huwiex biżżejjed biex ikopri l-operazzjonijiet riċevuti.

F'każ li jkun meħtieġ aġġustament tal-ammont ta' referenza, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jrid jispezzjona l-Awtorizzazzjoni għal garanzija komprensiva u jevalwa jekk l-ammont ta' referenza jistax jiġi aġġustat. Jekk ikun pożittiv, l-ammont ta' referenza jrid jiġi aġġustat skont l-Artikolu 155 u l-Artikolu 156 tal-AI. Inkella, l-ammont ta' referenza ma jiġix aġġustat.



Illustrazzjoni 8 – Ħarsa ġenerali ta’ livell għoli lejn l-ammont ta’ referenza aġġustat

4.1.1.3 Assenjazzjoni tal-kodiċi(jiet) ta’ aċċess

4.1.1.3.1 Partijiet konċernati u s-Sistemi involuti fil-proċess

Il-partijiet konċernati li ġejjin huma involuti fil-proċess:


- Persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija;
- Uffiċċju doganali tal-garanzija.

Il-komponenti tal-IT li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- GUM 2

4.1.1.3.2 Każ ta’ użu

Il-proċess ta’ assenjazzjoni tal-kodiċi(jiet) ta’ aċċess huwa inkluż fil-proċess tat-tibdil tal-garanzija. Il-persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija tista’ tibda t-talba lill-uffiċċju doganali tal-garanzija.



Illustrazzjoni 9 – Ħarsa ġenerali ta’ livell għoli lejn l-assenjazzjoni tal-kodiċi(jiet) ta’ aċċess

L-uffiċċju doganali tal-garanzija mbagħad ikollu jassenja kodiċi ta’ aċċess addizzjonali jew aktar minn wieħed għal din il-garanzija, skont l-Artikolu 154(2) tal-AI tal-Kodiċi, u jinnotifika lill-persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija qabel ma jintemm il-proċess.

4.1.1.4 Il-ġestjoni tal-impenn mill-garanti

4.1.1.4.1 Partijiet konċernati u s-Sistemi involuti fil-proċess

Il-partijiet konċernati li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- Persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija;
- Garanti;
- Uffiċċju doganali tal-garanzija.

Il-komponenti tal-IT li ġejjin huma involuti fil-proċess:


- GUM 2

4.1.1.4.2 Każ ta' użu

Il-proċess tal-ġestjoni tal-impenn mill-garanti huwa inkluż fil-proċess tat-tibdil tal-garanzija. Jew il-garanti jitlob il-kanċellazzjoni tal-approvazzjoni tal-impenn, jew l-uffiċċju doganali tal-garanzija jista' jibda r-revoka tagħha.

F'każ ta' talba għal revoka, tintbagħat notifika dwar ir-revoka tal-approvazzjoni tal-impenn lill-garanti u lill-persuna meħtieġa li tipprovdi l-garanzija. F'każ li tintalab kanċellazzjoni mill-garanti, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jrid jirreġistra talba għall-kanċellazzjoni.


Ir-revoka tal-approvazzjoni tal-garanti jew tal-impenn tal-garanti għandha tidħol fis-seħħ fis-16-il jum wara d-data li fiha tasal jew titqies li waslet għand il-garanti d-deċiżjoni dwar ir-revoka f'konformità mal-Artikolu 82(2) tal-AD.



Illustrazzjoni 10 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-ġestjoni tal-impenn mill-garanti.

4.1.2 Monitoraġġ tal-Garanzija

Il-proċess ta' monitoraġġ tal-garanzija jsir wara l-ġestjoni tal-garanzija. Il-proċess ta' monitoraġġ ibbażat fuq it-tranżazzjonijiet u l-proċess ta' monitoraġġ abbażi ta' awditjar huma parti mill-monitoraġġ tal-garanzija li se jiġi deskritt fid-dettall fit-taqsimiet li jmiss.



Illustrazzjoni 11 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-monitoraġġ tal-Garanzija

4.1.2.1 Monitoraġġ abbażi ta' tranżazzjoni

4.1.2.1.1 Partijiet konċernati u s-Sistemi involuti fil-proċess

Il-partijiet konċernati li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- Debitur;
- Uffiċċju Doganali tal-Importazzjoni/Uffiċċju Doganali tal-Esportazzjoni;
- Uffiċċju doganali tal-garanzija.


Il-komponenti tal-IT li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- GUM 2

4.1.2.1.2 Każ ta' użu

Il-proċess ta' monitoraġġ abbażi ta' tranżazzjoni huwa parti mill-monitoraġġ tal-garanzija. Dan il-proċess jista' jinbeda bħala riżultat tal-attivitajiet li ġejjin:

- L-uffiċċju doganali tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni jagħżel li jiċċekkja l-garanzija;
- Id-debitur jista' jitlob li jiċċekkja l-garanzija;
- L-ipproċessar tad-dikjarazzjoni doganali jeħtieġ attività ta' monitoraġġ.



Illustrazzjoni 12 – Ħarsa ġenerali ta’ livell għoli lejn il-proċess ta’ monitoraġġ abbażi ta’ tranżazzjoni

Meta jkun meħtieġ monitoraġġ tal-garanzija, l-uffiċċju doganali tal-importazzjoni/esportazzjoni jrid jivverifika t-tip ta’ attivitá. It-tipi ta’ attivitajiet li ġejjin huma possibbli:

- Ċekkjar tal-garanzija;
- Reġistrazzjoni tal-użu tal-garanzija;
- Kreditu tal-ammont ta’ referenza;
- Kanċellazzjoni tal-użu tal-garanzija.

Jekk l-attivitá meħtieġa tkun li tiġi ċċekkjata l-garanzija, tintbagħat talba lill-uffiċċju doganali tal-garanzija biex iwettaq l-iċċekkjar tal-garanzija. L-uffiċċju doganali tal-importazzjoni/esportazzjoni

mbagħad jiġi nnotifikat dwar ir-riżultati u l-ħtieġa li jintbagħtu lid-debitur f'każ li t-talba inizjali tkun ġiet ipprovduta mid-debitur. Fl-aħħar nett, il-garanzija tiġi ċekkjata u jew tkun valida jew le.

Jekk l-attività meħtieġa tkun li jiġi rreġistrat l-użu tal-garanzija, tintbagħat talba lill-uffiċċju doganali tal-garanzija biex iwettaq l-iċċekkjar tal-garanzija. Imbagħad, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jirreġistra l-użu tal-garanzija u l-bilanċ tal-garanzija jrid jiġi aġġustat. L-uffiċċju doganali tal-importazzjoni/esportazzjoni mbagħad irid jiġi nnotifikat dwar ir-riżultati u jibgħathom lid-debitur f'każ li t-talba inizjali tkun ġiet ipprovduta mid-debitur. Fl-aħħar nett, il-garanzija tiġi ċekkjata u jew tkun valida jew le.

Jekk l-attività meħtieġa tkun li jiġi kkreditat l-ammont ta' referenza jew li jitħassar l-użu tal-garanzija, l-uffiċċju doganali tal-importazzjoni/tal-esportazzjoni jitlob lill-uffiċċju doganali tal-garanzija biex jirreġistra l-ammont ta' referenza tal-kreditu jew il-kanċellazzjoni tal-użu tal-garanzija. Dan l-uffiċċju doganali mbagħad irid jaġġusta l-bilanċ tal-garanzija f'każ li l-garanzija ma tkunx biżżejjed għall-perjodu abbażi ta' awditjar. Fl-aħħar nett, il-garanzija tiġi ċekkjata u tkun valida.

4.1.2.2 Monitoraġġ abbażi ta' awditjar

4.1.2.2.1 Partijiet konċernati u s-Sistemi involuti fil-proċess

Il-partijiet konċernati li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- Debitur;
- L-Uffiċċju Doganali li Jwettaq il-Monitoraġġ Abbażi ta' Awditjar.


Il-komponenti tal-IT li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- GUM 2

4.1.2.2.2 Każ ta' użu

Il-proċess ta' monitoraġġ abbażi ta' awditjar huwa parti mill-proċess ta' ġestjoni tal-garanzija. Dan il-proċess jinbeda mill-uffiċċju doganali li jwettaq il-monitoraġġ abbażi ta' awditjar. Ladarba jitwettaq il-monitoraġġ abbażi ta' awditjar, il-garanzija jew kienet biżżejjed għall-perjodu abbażi ta' awditjar u l-monitoraġġ tal-garanzija jitlesta, jew le.

F'każ li l-ammont ta' referenza ma jkunx biżżejjed, l-uffiċċju li jwettaq il-monitoraġġ abbażi ta' awditjar irid jaġġusta l-bilanċ tal-garanzija u jinnotifika lid-debitur bl-ammont ta' garanzija aġġustat u bi proposta biex jiżdied l-ammont ta' garanzija. Dan jikkompleta l-monitoraġġ tal-garanzija.



Illustrazzjoni 13 – Ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-proċess ta' monitoraġġ abbażi ta' awditjar.

4.2 AWTORIZZAZZJONI GĦAL GARANZIJA KOMPRESIVA

L-operat tad-Deċiżjonijiet Doganali jista' jinqasam f'żewġ fażijiet ewlenin:

1. **Għoti tal-Awtorizzazzjoni**, li tibda meta Applikazzjoni għal deċiżjoni doganali tiġi sottomessa minn negozjant jew minn wieħed mir-rappreżentanti tiegħu.

2. **Immaniġġar tal-Awtorizzazzjoni**, li tibda kif tingħata l-Awtorizzazzjoni. L-Awtorizzazzjoni tkompli tapplika u tista' tiġi aġġornata f'diversi modi. It-tieni fażi tintemm meta l-Awtorizzazzjoni ma tibqax valida.

Peress li dawn il-proċessi huma relatati mal-operat tad-Deċiżjonijiet Doganali, dawn mhux se jiġu spjegati fid-dettall f'dan id-dokument. Fil-fatt, peress li l-objettiv tal-Gwidi Operatorji għall-Utenti dwar is-CDS [R07] huwa li jiġi spjegat l-operat ewlieni tad-Deċiżjonijiet Doganali, il-każijiet tal-użu għalhekk se jiġgwida lill-qarrej biex jara dan id-dokument tal-aħħar.

4.2.1 Għoti tal-Awtorizzazzjoni

Sabiex tingħata Awtorizzazzjoni, l-applikazzjoni trid tgħaddi minn żewġ proċessi ewlenin:

- Aċċettazzjoni tal-Applikazzjoni;
- Teħid ta' Deċiżjoni.

L-ewwel wieħed (Aċċettazzjoni tal-Applikazzjoni) għandu l-għan li jivverifika li l-ewwel sensiela ta' kundizzjonijiet (il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni) ikunu validati. Meta l-kundizzjonijiet kollha għall-aċċettazzjoni jiġu ssodisfati, tibda l-fażi li jmiss.

Matul it-tieni fażi (Teħid ta' Deċiżjoni), l-uffiċjal doganali jwettaq analiżi iktar bir-reqqa tal-Applikazzjoni u se jkompli jiċċekkja jekk l-applikant jissodisfax il-kundizzjonijiet u l-kriterji biex tingħata l-Awtorizzazzjoni.

Sabiex tagħmel dan, l-awtorità doganali deċiżjonali jista' jkun li tkun teħtieġ l-għajjnuna tal-awtoritajiet tal-Istati Membri involuti u/jew li titlob informazzjoni addizzjonali lin-negozjant. Għalhekk hija prevista l-komunikazzjoni ma' daww il-partijiet konċernati. Min-naħa l-oħra, l-applikant jista' jissottometti xi aġġustamenti għall-Applikazzjoni tiegħu jew tagħha sabiex jgħin lill-uffiċjal doganali jieħu deċiżjoni.

4.2.1.1 Partijiet konċernati u s-Sistemi involuti fil-proċess

Il-partijiet konċernati li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- Negozjant (Applikant);
- Awtorità doganali deċiżjonali;
- Awtoritajiet doganali kkonsultati.

Il-komponenti tal-IT li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- GUM 1

4.2.1.2 Każ ta' użu

Il-każijiet tal-użu kollha relatati mal-għoti ta' Awtorizzazzjoni huma deskritti fil-Gwidi Operatorji għall-Utenti tas-CDS [R07].

4.2.2 Ġestjoni tal-Awtorizzazzjoni

Meta tingħata Awtorizzazzjoni lil negozjant, xorta jistgħu jitwettqu azzjonijiet ulterjuri fuq dik l-Awtorizzazzjoni:

- Ma jsir xejn: l-Awtorizzazzjoni tista' tibqa' attiva kif inhi;
- Tiġi emendata d-deċiżjoni, bil-għan li jiġi aġġornat element wieħed jew aktar tad-*data* tal-Awtorizzazzjoni;

- Id-deċiżjoni tiġi sospiża għal ċertu żmien, li matulu ma tibqax valida;
- Id-deċiżjoni terġa' tiġi vvalutata, bil-għan li jiġi vverifikat li l-Awtorizzazzjoni mogħtija għadha tissodisfa l-kundizzjonijiet u l-kriterji inizjali;
- Tiġi annullata d-deċiżjoni, bil-għan li d-deċiżjoni ma tibqax tista' tintuża – bħallikieku qatt ma kienet teżisti;
- Tiġi rrevokata d-deċiżjoni, bil-għan li d-deċiżjoni ma tibqax tista' tintuża – iżda jinżamm rekord tagħha.
- *(Ta' min jinnota li s-sistema (CDS) se żżomm rekord tad-deċiżjonijiet tas-CGU annullati wkoll. L-annullament japplika retroattivament mid-data tal-għoti tal-awtorizzazzjoni, filwaqt li r-revoka tidħol fis-seħħ mid-data li tiġi kkomunikata lid-detentur (f'konformità mal-Artikolu 22(4) tal-KDU).

4.2.2.1 Partijiet konċernati u s-Sistemi involuti fil-proċess

Il-partijiet konċernati li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- Negożjant (Detentur);
- Awtorità doganali deċiżjonali;
- Awtoritajiet doganali kkonsultati.

Il-komponenti tal-IT li ġejjin huma involuti fil-proċess:

- GUM 1

4.2.2.2 Każ ta' użu

Il-każijiet tal-użu kollha relatati mal-Ġestjoni ta' Awtorizzazzjoni huma deskritti fil-Gwidi Operatorja għall-Utenti tas-CDS [R07].

4.3 IMMAPPJAR TAL-PROĊESSI VS IS-SISTEMI INVOLUTI

It-tabella li ġejja li tiġbor fil-qosor il-proċessi differenti flimkien mas-sistema/i responsabbli u l-interfaċċa li għandha tintuża.

Kategorija	Isem il-BPM	Isem il-Proċess	Sistema/i Responsabbli	Interfaċċa
Garanzija	L3-GUM-01-02-01-Reġistrazzjoni tal-Garanzija	Reġistrazzjoni tal-garanzija	GUM 2	- Komponenti nazzjonali - CRS
Garanzija	L3-GUM-01-02-02-Aġġustament tal-Ammont ta' Referenza	Aġġustament tal-ammont ta' referenza	GUM 2	- Komponenti nazzjonali - CRS
Garanzija	L3-GUM-01-02-03-Assenjazzjoni ta' Kodiċijiet ta' Aċċess Addizzjonali	Assenjazzjoni tal-kodiċi(jiet) ta' aċċess	GUM 2	- Komponenti nazzjonali
Garanzija	L3-GUM-01-02-04-Kanċellazzjoni jew Revoka tal-Approvazzjoni tal-Impenn mill-Garanti	Il-ġestjoni tal-impenn mill-garanti	GUM 2	- Komponenti nazzjonali
Garanzija	L3-GUM-01-01-Monitoraġġ Abbażi ta' Tranżazzjoni	Monitoraġġ abbażi ta' tranżazzjoni	GUM 2	- Komponenti nazzjonali
Garanzija	L3-GUM-01-03-Monitoraġġ Abbażi ta' Awditjar	Monitoraġġ abbażi ta' awditjar	GUM 2	- Komponenti nazzjonali
Awtorizzazzjoni għal Garanzija Komprensiva	L3-AUT-01-01-Aċċettazzjoni tal-Applikazzjoni L3-AUT-01-02-Teħid ta' Deċiżjoni	Għoti tal-Awtorizzazzjoni	GUM 1	- Interfaċċa tal-Utent tas-CDMS/TP - CCN2 permezz ta' messaġġi IE
Awtorizzazzjoni għal Garanzija Komprensiva	L3-AUT-01-03-01-Sospensjoni tad-Deċiżjoni L3-AUT-01-03-02-Sospensjoni tad-Deċiżjoni – Miżuri li Għandhom Jittieħdu L3-AUT-01-05-Emenda tad-Deċiżjoni L3-AUT-01-06-Annullament tad-Deċiżjoni L3-AUT-01-07-Revoka tad-Deċiżjoni L3-AUT-01-08-Valutazzjoni mill-Ġdid tad-Deċiżjoni	Ġestjoni tal-Awtorizzazzjoni	GUM 1	- Interfaċċa tal-Utent tas-CDMS/TP - CCN2 permezz ta' messaġġi IE

5 KONKLUŻJONI

Nittamaw li dan id-dokument jissodisfa l-bżonnijiet tal-utenti tal-GUM kif deskritt fit-taqsimha tal-Għan tad-Dokument. Huwa rrakkomandat ħafna li jinqraw ukoll id-dokumenti ta' referenza elenkati fit-taqsimha 1.5.